**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** — minn **JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI

Wara li temmejt l-Istorja tar-Regatta f'Malta fuq il-magażin *Sportiv* li kont ilni sejjer biha minn l-2008 sal-2014, illum se nagħti bidu għal sensiela ġdida ta' artikli oħra dwar din it-tradizzjoni antika fuq din il-gazzetta popolari, din id-darba mhux mill-att ta' riċerka iżda mil-lenti tal-qaddiefa, ħabrieka, dilettanti u l-bennejja tal-opri tal-baħar.

Ovvjament il-kontenut ta' dawn l-artikli mhux meħud minn kotba, visti pastorali, gazzetti u l-perjodiċi li ġew ippubblikati f'dawn l-aħħar 150 sena, iżda mill-intervisti li jien għamilt bejn l-1975 u l-1985 lil għadd ġmielu ta' qaddiefa veterani u persuni oħra li matul ħajjithom taw sehem kbir biex din id-drawwa antika tibqa' ħajja fost il-poplu tagħna.

Jekk is-sensiela ta' artikli li temmejt fil-magazin *Sportiv* tawna stampa reali ta' kif jaħsbuha l-ħassieba kif oriġinaw dawn it-tiġrijiet minn żmiem il-bniedem primittiv. Jekk aħna nersqu aktar lejn żmienna u niftakru li l-ewwel tiġrijiet bl-opri tal-baħar li saru fil-Canal Grande ta' Venezja – aktar minn 300 sena qabel ma bdew l-ewwel tiġrijiet tal-qdif fil-Port il-Kbir, nirrealizzaw kemm dawn it-tiġrijiet minn dejjem kienu popolari man-nies li jgħixu qrib il-baħar, u li ta' kuljum jużaw l-opri tal-baħar bħala mezz ta' trasport għall-qadjiet tagħhom.

Mingħajr ma nidħlu fl-istorja ta' dawn it-tiġrijiet tradizzjonali, tajjeb li wieħed ifakkar, li meta aħna qegħdin insemmu l-ewwel Regatta tad-dgħajjes fil-Port il-Kbir, aħna qegħdin nitkellmu dwar l-ewwel avveniment sportiv tal-baħar li ra l-magħmudija tiegħu bejn wieħed u ieħor fl-1625 - kważi 390 sena ilu.

Din id-drawwa antika hi marbuta storikament u kulturalment mal-istorja tal-Belt Senglea, għaliex kienu proprju l-barklori u s-sajjieda ta' din il-belt marittima li kienu organizzaw l-ewwel tiġrija tal-opri tal-baħar fil-Port il-Kbir – antikament magħrufa bħala t-Tiġrija tal-Portu Salvu li kienet issir ta' kull sena, fit-2 ta' Lulju, minnha ħarġet it-Tiġrija tal-Vitorja (1822) li għadna ngawduha sal-lum, u minn tal-aħħar twieldet it-Tiġrija ta' Jum il-Ħelsien (1979).

Dawn l-artikli huma bbażati fuq t-tagħrif meħud minn dawn l-intervisti ta' persuni li jitkellmu dwar t-tiġrijiet tad-dgħajjes li saru fil-Port il-Kbir bejn iż-żewġ gwerer dinjija u fis-snin ta' wara. S'intendi, jien mhux beħsiebni nippubblika l-intervisti kollha għax xi wħud minnhom huma twal ħafna, iżda se nislet biss siltiet li fil-fehma tiegħi jagħtuna stampa reali tat-tiġrijiet tad-dgħajjes li saru f'nhar il-Vitorja bejn iż-żewġ gwerer u fis-snin ta' wara.

Iżda qabel, tajjeb li nfakkar lill-qarrejja li se jsegwu dawn l-artikli, li l-kontenut ta' dawn l-intervisti m'għandux jittieħed jew jiġi kkunsidrat bħala parti mill-istorja tat-tiġrijiet, għaliex kull sors ta' tagħrif miksub, kemm mill-gazzetti, kotba, perjodiċi jew permezz tal-kelma (intervisti) qabel jiġi aċċettat bħala riferenza storika, irid jiġi studjat u magħrbel b'reqqa kbira.

Madankollu, dawn l-intervisti jistgħu jservu ta' mezz biex wieħed jifhem aħjar l-istorja tar-Regatta moderna, u kif waslet għandna minn ġenerazzjoni għall-oħra permezz tal-qaddiefa u persuni oħra li kellhom għall-qalbhom din id-drawwa, u b'ħafna sagrifiċċji personali rnexxielhom iżommuha ħajja matul dawn is-snin kollha.

Barra hekk, kif wieħed jistenna, f'dawn l-intervisti nsibu doża qawwija ta' parrokkjaliżmu, fejn il-pika esaġerata li mal-milja tas-snin issawret f'rivalitá qalila bejn il-qaddiefa taż-żewġ portijiet, waqt li l-pika u l-antagoniżmu sfrenat fost il-qaddiefa u barklori tal-bliet tal-Kottonera kienet għadha ħajja.

Kienu proprju dawn il-qaddiefa li jien intervistajt madwar 45 sena ilu li tawna parti sostanzjali tal-istorja li qatt ma ġiet miktuba, għajr biss dawk il-punti storiċi li kienu magħrufa mill-maġġoranza tagħhom minkejja li dawn kienu joqogħdu f'lokalitajiet differenti u jissapportaw clubs rivali.

Xi wħud minnhom kienu l-protagonisti ta' dawn it-tiġrijiet akkaniti li saru fil-Port il-Kbir bejn iż-żewġ Gwerer Dinjija (1920 u 1938) u oħrajn li taw sehem kbir fit-tiġrijiet ta' warajha bħala qaddiefa fl-opri ta' lokalitajiet tagħhom u ssieltu bl-aħrax sal-aħħar qadfa biex jirbħu l-aktar paljijiet prestiġjużi ta' kull Regatta.

Matul dawn il-perjodi differenti ta' żminijiet, il-qaddiefa kollha kienu jitqiesu r-rebħ tal-palju bħala unur għalihom u ġieħ għall-belthom.

Għalhekk waqt li nerġa' ntenni li dawn artikli huma meħudin minn intervisti, ikolli nammetti wkoll, li f'xi wħud minnhom insibu tagħrif siewi ħafna, f'oħrajn niltaqgħu ma' siltiet li fihom jinħass id-dubju f'dak li jkun qed jingħad minħabba s-sens kbir ta' parrokkjaliżmu li jkun magħġun fil-karattru tagħhom.

Barra hekk, wieħed irid jikkunsidra wkoll il-fatt li ħafna mill-intervistati kienu persuni li kellhom sebgħin jew tmenin sena, u għahekk id-dati u ismijiet tal-qaddiefa u opri huma dubjużi ħafna, b'mod speċjali jekk l-intervistat matul il-karriera tiegħu bħala qaddief, ikun ifforma parti minn diversi ekwipaġġi li qadfu flimkien f'perjodi differenti.

Hawnhekk ukoll l-ismijiet tal-qaddiefa jridu jiġu ċċekkjati mill-ġdid ma' persuni oħra li għexu fl-istess żmien u li jiftakruhom tajjeb.

Peress li kif aċċennajt qabel, dawn l-intervisti saru fis-snin 70, u għalhekk xi wħud mill-intervistati kienu għadhom jiftakru tajjeb it-tiġrijiet ta' bejn iż-żewġ gwerer dinjija, wieħed irid jaċċetta l-fatt li meta intervistajhom, f'qalbhom kienet għadha tteġġeġ u tbaqbaq dik ir-rivalitá u l-pika li ssawret fihom minn tfulithom.

Ma ninsewx li sas-snin 70, ir-rivalitá fost il-partitarji tad-distretti tal-Kottonera kienet għadha ħajja – kienet tidher u tinħass f'kull tiġrija! Dan jidher ċar f'ħafna minn dawn l-intervisti, fejn wieħed josserva li fl-argumenti tagħhom, xi wħud isostnu, li l-qaddiefa tagħhom kienu l-aqwa u l-aħjar, u jekk daħlu fl-inkwiet waqt it-tiġrijiet, jiskużawhom għaliex il-ġlied u l-inkwiet f'kull tiġrija kien parti integrali f'kull Regatta.

Ħasra li jien u nqalleb il-files biex infittex dawn l-intervisti, ma sibthomx kollha, tlift xi wħud minnhom iżda fadali materjal biżżejjed biex f'din is-sensiela ta' artikli nagħtikom stampa reali u awtentika tat-tiġrijiet akkaniti li saru bejn iż-żewġ gwerer dinjija, u s'intendi wara wkoll:

Nibdew b'silta mill-intervista li għamilt lil Piju Grech, anzjan mill-Isla. Lil Piju kont ilni nafu mindu kont għadni tifel, raġel serju u ta' ftit kliem. Kien iħobb ħafna l-istorja tal-Isla u kellu għall-qalbu ħafna r-Regatta. Meta għamiltlu din l-intervista kien qabeż sew is-sebgħin sena: Bdejt biex staqsejtu dwar ir-Regatta f'żogħżitu u beda hekk:



Żewġ membri tal-ġurija jidhru josservaw xi dgħajjes tat-tiġrija minn fuq dgħajsa tal-Pass f'waħda mit-tiġrijiet tal-Vitorja li saru fil-bidu tas-Seklu 20

"... f'żogħżiti niftakar li t-tlett ibliet tal-Kottonera kellhom qaddiefa ta' ħila kbira - kollha barklori - ħafna minnhom tal-familja, u ta' kuljum kienu jaqsmu t-toqol tax-xogħol bejniethom. Jien dejjem nismagħhom jgħidu, u aktarx li hu minnu, li fl-aħħar għaxart ijiem qabel ir-Regatta u għal xi jiem wara, ħafna minnhom ftit li xejn kienu jitkellmu jew iħarsu lejn xulxin minħabba t-tiġrija ... għax għandek tkun taf, li f'żogħżiti, dawk il-barklori li kienu jieħdu sehem bħala qaddiefa fir-Regatta kienu jħobbu tabilħaqq lill-lokalitá tagħhom u kienu jagħmlu minn kollox biex jirbħu l-palju tal-korsa li jkunu se jġerru fiha .... ibqa' ċert, li kull anzjan tampari minn dawn in-naħat jgħidlek li t-tiġrijiet ta' bejn iż-żewġ Gwerer Dinjija kienu sbieħ bil-bosta, u ta' kull sena, kull tiġrija kienet tiġi kontestata b'rivalitá kbira mill-aqwa qaddiefa ta' kull distrett, magħżula b'reqqa kbira minn fost il-barklori tal-lokal ... niftakar li kull tiġrija kienet tkun akkanita u eċċitanti sal-aħħar qadfa ...."

*U xi tgħidli għall-atmosfera waqt ir-Regatta?*

"... sabiħa immens ... veru li l-lum ir-Regatta hi organizzata aħjar u hemm numru ta' regolamenti li kull ekwipaġġ irid josserva tajjeb matul l-andament tal-korsa, iżda qabel il-gwerra t-tiġrijiet kienu isbaħ bil-bosta ... f'kull korsa kienu jieħdu għadd ġmielu ta' opri mhux tnejn bħal-lum .... niftakar li fl-aħħar korsa - dik tal-Kajjikki tal-Kopp li xi wħud kienu jsejħulha t-*Tiġrija tal-Ħmir* ġieli hadu sehem fiha madwar 16-il Kajjikk u aktar ukoll ... staqsejtni dwar l-atmosfera li kien jinħakem il-Kanal f'dawn is-sagħtejn jew forsi ftit aktar ta' tiġrijiet ... ara, immaġina biss il-Kanal minn Ras Ħanżir sad-Dwana – dak iż-żmien kien ikun magħluq fuq iż-żewġ naħat bil-palki tal-injam b'mijiet ta' inġenji tal-baħar marbutin magħhom - Dgħajjes - Frejgatini, Laneċ żgħar u Kbar mimlijin bin-nies taħseb li se jinqalbu, b'eluf kbar ta' nies oħra kienu jimlew il-mollijiet u s-swar tal-Floriana, Kalkara Gardens u l-Barrakka ta' Fuq u d-Dwana, il-Ponta tal-Isla u l-Gardjola, it-taraġ li jagħti għall-Ponta, il-bejt tal-Knisja ta' San Filippu, barra l-bjut tad-djar li jdawru l-Kanal. Imbagħad xi ngħidu għall-għagħa ta' din il-massa nies waqt kull korsa, l-għajjat u l-kant ta' nkoraġġiment, it-tisfir tas-Sireni, id-daqq tat-tnabar u d-damdim tal-murtali li kienu jittellgħu waqt kull korsa li minn fuq il-Knisja ta' San Filippu .... imbagħad aħna li konna nkunu l-Ponta, meta konna naraw li opri tagħna kienu jkunu fuq quddiem, kont tisma' biss għajta waħda 'l-Isla l-Ewwel' ... aħna kellna qaddiefa tajbin tafx ... l-aħjar li kien hawn fil-port, staqsi lil min trid għax hekk jgħidlek ... dawn tal-lum lanqas biss jibdew magħhom ... "

*Veru li fit-tiġrijiet ta' qabel il-gwerra kien jinqala' ħafna ġlied f'kull tiġrija?*

'.... iva, veru .... ħafna mill-ġlied kien jinqala' fost il-partitarji fuq il-baħar meta d-dgħajjes kienu jidħlu fuq xulxin fid-dħul - tfigħ ta' flixken, posti, parati u saħansitra anke imqadef kien jintefgħu għal fuq id-dgħajjes avversarji. Minn fuq il-baħar il-ġlied kien jinfirex anke fuq l-art, speċjalment fid-Dwana u fl-inħawi ta' madwarha. Ħafna drabi l-pulizija ma kinitx issib l-irkaptu u kienu jsiru xi arresti. Ġieli nqala' l-ġlied waqt it-tqassim tal-palji minn fuq il-vapur li kien jorbot 'il barra mill-Ponta tal-Isla - mingħalija kien jismu Ġilormu Cassar... qablu kien hemm ieħor iżda bħalissa nsejt x'kien x'jismu. Hawnhekk il-pulizija kienet tieħu l-prekwazzjoni kbira peress li xi drabi kien ikun mistieden il-Gvernatur biex iqassam il-palji u l-premjijiet ta' flus ...iva veru, kien jinqala' ħafna ġlied għax il-pika fost il-qaddiefa kienet kbira ħafna ..."